**Kunsill Reġjun Punent**

Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary Rabat, Malta

E | reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **36**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Ħad-Dingli: | Il-Kunsillier is-Sur David Vassallo |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Terence Agius |
| Ir-Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula. |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Mark Camilleri |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Dominic Grech |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**36.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku ta' Ħaż-Żebbug is-Sur Mark Camilleri, is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Dominic Grech u is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżlu skużati.

**36.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 35;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 35 li saret nhar is-17 ta' Mejju 2024.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**36.03 Komunikazzjoni mill-President**

36.03.01 Nhar is-17.05.24 konna tlabna sabiex tkun differita il-laqgħa tal-PA fuq il-permess ta' Torre Dello Standardo PQ/01873/23.

36.03.02 Nhar is-17.05.24 irċivejna Ċir AKL 2024/037_Save the Date: Give a damn! GO Vote Campaign & After Party. Stedina għall-kampanja ta' inizjattiva tal-Gvern fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni għall-kunsilliera/kandidati żgħażagħ eletti sabiex iż-żgħażagħ joħorġu jivvutaw.

36.03.03 Nhar is-17.05.24 is-Sindku is-Sur Johan Mula bagħat lis-sur Attard mil-kumpanija INDIS dwar nuqqas ta' manutenzjoni u perikli eżistenti fi Triq Carmelo Caruana, Ħal Safi.

36.03.04 Nhar l-20.05.24 irċivejna mingħand E-Skills dwar Webinar li ser isir b'xejn fuq The Impact of AI on society & everyday life.

36.03.05 Nhar l-20.05.24 irċivejna Ċir AKL2024/038_ECAD's Mayor Conference Official Agenda and Livestream Access. Nhar it-12.06.24 ECAD organizzat d-29 ECAD's Mayors' Conference b'mod virtwali.

36.03.06 Nhar l-20.05.24 l-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-kunsilli lokali dwar l-iskema li l-Kunsill Malti għall-Arti fetaħ għar-restawr ta' Artifatti Mobbli. Din l-iskema ser tagħlaq nhar it-02.07.24.

36.03.07 Nhar il-21.05.24 irċivejna CT2136/2022 Addendum No:2 iffirmat mid-direttur Ġenerali tad-dipartiment tal-kuntratti.

36.03.08 Nhar il-21.05.24 irċivejna Ċir AKL 2024/039_Rights: Call for mentors. Il-Malta Foundation for the Wellbeing of Society qed tiftaħ sejħa għall-applikazzjonijiet għall-volontiera għall-Kunsilli Lokali tat-Tfal.

36.03.09 Nhar il-21.05.24 irċivejna mingħand is-Sa Camilleri. Bħala direttorat jixtiequ jiltaqaw kemm mal-manager tal-IT kif ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi diskuss talbiet li qed issiru mill-kunsill lokali u kwistjonijiet oħra relatati mal-IT. Il-Manager tal-IT attenda għal- laqgħa nhar it-30.05.24.

36.03.10 Nhar it-22.05.24 intbagħat l-invit għas-serata Muziko - Letterarj u Tnehdija tal-Ktieb 'Djar Ta` Alla, Djar tal- Poplu' li saret nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju quddiem il-knisja ta' Sant Agata ir-Rabat.

36.03.11 Nhar it-23.05.24 il-Manager tal-Kultura kellu laqgħa rigward is-Social Impact Assessment fejn għarrfuna fil-qosor ir-riżultati li sabu u ddiskutejna it-triq 'il quddiem kif ser immexxu biex ikun ppubblikat..

36.03.12 Nhar it-23.05.24 il-President irċieva stedina mill-President ta' Malta għall-konferenza Nazzjonali dwar l-Istat tan-Nazzjon. Attendiet għal din il-konferenza id-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sa Farrugia.

36.03.13 Nhar l-24.05.24 il-Manager tal-iskart bagħat lis-Sur Dimech mill-BCRS fuq is-servizz tal-RVM machine. Wara s-suċċess tas-sena l-oħra waqt il-festa ta' Ħaż-Żebbuġ l-manager tal-iskart staqsa ghall-possibilta' li -magna RVM tkun installata għal waqt il-festa ta' San Nikola fis-Siġġiewi.

36.03.14 Nhar l-24.05.24 id-Direttur Ġenerali bagħat il-ftehim li r-Reġjun irid jiffirma mal-PROS. Madanakollu jidher li għad hemm xi diskrepanzi u mhux wieħed finali.

36.03.15 Nhar is-26.05.24 il-Manager tal-Ambjent bagħat lill-Kunsilli Lokali dwar opportunità ta' EU Sparks for Climate: Citizens Hackathon Championship.

36.03.16 Nhar is-27.05.24 irċivejna l-allokazzjoni ta' uffiċjali tal-ERA mar-Reġjuni. Il-Manager tal-Iskart għadda lill- ERA l-hotspots fejn jridu jmorru. Nhar 17.06.24 irċivejna sabiex nagħtuhom żewġ lokalitajiet għad-dati allokati għax xahar ta' Lulju.

36.03.17 Nhar is-27.05.24 irċivejna r-rapport fuq 'Weighbridge transactions' mill-Wasteserv fir-rigward tal-ġbir tal-iskart domestiku.

36.03.18 Nhar is-27.05.24 irċivejna mingħand eSkills li ser ikunu qed jorganizzaw *bootcamps* u Skola Sajf għal pre-teens u adoloxxenti matul is-sajf permezz ta' kollaborazzjoni ma' MDIA, Tech.mt, MCAST u Univerista' ta' Malta.

36.03.19 Nhar it-28.05.24 il-President bagħat lis-sindki l-kuntatt tas-Sur Doublesin għal dawk il-Kunsilli Lokali li jkunu interessati jġibu xi studenti sabiex jassistu fix-xogħol ta' kuljum.

36.03.20 Nhar is-27.05.24 il-Manager tal-Fondi lokali u Ewropej infurmat li l-Kunsill Malti għall-Arti fetaħ skema ta' finanzjament għar-restawr ta' Artefatti Mobbli li ser tkun qed tagħlaq nhar it-02.07.24. Nhar 12.06.24 il-President kiteb u ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali u NGOs sabiex japplikaw għal din l-iskema.

36.03.21 Nhar it-28.05.24 il-President bagħat ghal kjarifika lid-Direttur Ġenerali kif ukoll lid-Direttur Galea hekk kif ġie konkluż il-proċess ta' interviews għas-Segretarji Eżekuttivi fuq kif ser nipproċedu sabiex ma jkunx kompromess il-proċess. Dan minħabba l-fatt li DES preżenti ma tistax tkun fuq il-bord tal-għażla minħabba li hija applikat għal dan l-irwol, kif ukoll sabiex fil-bord ma jpoġġix l-President stess ħalli jkun hemm aktar trasparenza.

36.03.22 Nhar it-28.05.24 flimkien mal-Kunsill Lokali Żurrieq u residenti Żrieraq għamilna żjara lill-President ta' Malta lil Ecc. Myriam Spiteri Debono fejn ippreżentajniela donazzjoni miġbura waqt il-kunċert tal-Apokalissi ta' San Pawl.

36.03.23 Nhar id-29.05.24 irċivejna A.L. 113 ta' l-2024n - Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), Regolamenti tal-2024.

36.03.24 Nhar id-29.05.24 is-Sur Agius infurmana li d-Dipartiment tar-Restawr u l-Konservazzjoni ser ikun qed jgħaddilna numru ta' pubblikazzjonijiet sabiex jitqassmu erba' lil kull Kunsill Lokali.

36.03.25 Nhar it-29.05.24 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li il-Malta Council for Voluntary Sector nedew skema Small Initiatives Support Scheme. Din hi skema immirata għall-għaqdiet volontarji u għandha support minn naħa tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

36.03.26 Nhar it-30.05.24 irċivejna Cat Feeders Scheme 2024 – Guidelines.

36.03.27 Nhar it-30.05.24 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li il-Malta Council for Voluntary Sector qed tagħti l-opportunità lill-għaqdiet volontarji li jkollhom preżenza fl-istand li se jkun qed itellà fil-Malta Trade Fair.

36.03.28 Nhar it-30.05.24 irċivejna mill-ERA li mill-01.07.2024 l-iskart tal-borża s-sewda għandu ikun ġo borża trasparenti minflok opaque.

36.03.29 Nhar it-30.05.24 irċivejna it-tieni tranche li tammonta għall- 166,666.66.

36.03.30 Nhar it-31.05.24 irċivejna Ċir AKL 2024/040_Sedqa research study_'Substance in the organizational Culture'. Is-Servizz ta' prevenzjoni fi ħdan l-Aġenzija Sedqa taħt il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) qed imexxu riċerka dwar kultura organizzattiva u l-użu tas-sustanzi tal-impjegati.

36.03.31 Nhar it-31.05.24 id-Direttur Galea infurmana li b'referenza għaċ-ċirkulari Numru 4/2024 dwar l-elezzjonijiet għall-Gvern Lokali ser issir 'mock session' taċ-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra li ser issir nhar il-21.06.24.

36.03.32 Nhar it-31.05.24 saret it-tnehdija tal-ktieb 'Djar ta' Alla, Djar tal-Poplu'. Ringrazzjament lill-ħaddiema tar-Regjun Punent li ħadmu qatiegħ sabiex din l-attivita' ittellghet b'success.

36.03.33 Nhar l-01.06.24 kien hemm l-ewwel kors tal-food handling li sar ġewwa iz-Żurrieq u t-tieni kors sar nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju.

36.03.34 Nhar it-03.06.24 irċivejna mingħand is-SEM li l-Ministeru responsabbli għall-fondi Ewropej qed iniedi żewġ applikazzjonijiet taħt fondi ta' żvilupp reġjonali Ewropej 2021-2027. Ġiet organizzata sessjoni ta' informazzjoni nhar il-11.06.24.

36.03.35 Nhar it-03.06.24 irċivejna Ċir AKL2024/036_Using Meta Effectively. Għaddewlna manwal qasir dwar is-sigurtà u s-sikurezza fejn jidħol l-użu ta' Meta kif ukoll riżorsi elettroniċi.

36.03.36 Nhar it-03.06.24 il-maniger tal-fondi Lokali u Ewropej bagħtet lill-parroċċi, Kunsilli Lokali u NGOs ta' kull lokal li possibilment jikkwalifikaw, xi kjarifiki rigward l-iskema għar-restawr ta' artefatti mobbli.

36.03.37 Nhar l-04.06.24 il-President tal-Pastel Society Malta bagħat li bejn i-15.06.24 u 23.6.24 ser ikunu qed jorganizzaw The Summer Pastel Exhibition ġewwa l-Palazz Marija Assunta, Qrendi. Ir-Reġjun tal-Punent silef xi exhibition boards biex tittella' din il-wirja.

36.03.38 Nhar l-04.06.24 irċivejna Ċir AKL 2024/041_Melodija. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed torganizza serata nhar 06.07.24 ta' divertiment sabiex juru apprezzament lil dawk kollha li servew fil-Kunsilli Lokali tul il-ħames snin li għaddew, filwaqt li nifirħu u nagħtu merħba lil dawk il-Kunsilliera kollha li ser jiġu eletti.

36.03.39 Nhar il-04.06.24 irċivejna Ċirkulari 20 tal-2023 Proċeduri ta' 'Set off' bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-Wasteserv.

36.03.40 Nhar is-06.06.24 irċivejna mill-Eskills dwar il-programmi u taħriġ tal-bootcamps u event 2024. L-ewwel program ta' taħriġ huwa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

36.03.41 Nhar l-10.06.24 irċivejna Ċir AKL 2024/042_Smart Communities Network. Permezz tad-Digital Europe Programme, il-Kummissjoni Ewropea nediet kollaborazzjoni biex tiġi eċċelerata l-maturità diġitali, b'fokus partikolari fuq dawk il-kommunitajiet li huma inqas ippreparati b'mod diġitali għat-trasformazzjoni diġitali. Dawn is-servizzi jrawwmu l-adozzjoni tat-tewmin diġitali lokali u soluzzjonijiet diġitali oħra madwar żoni rurali u urbani li tiżgura li t-teknoloġija hija aċċessibbli għal kulħadd.

36.03.42 Nhar l-10.06.24 l-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej issottometiet l-applikazzjoni 'Art for Social Change, Empowering Artists, Transforming communities.'

36.03.43 Nhar l-10.06.24 irċivejna mill- Wasteserve li ser ikunu qed jieħdu sample għal kull Reġjun sabiex jistabilixxu il-kwalità tal-iskart riċiklabbli nhar is-27.06.24. Ser jattendi għal din is-sessjoni l-Maniġer tal-Iskart.

36.03.44 Nhar l-11.06.24 id-Direttur Ġenerali infurmana li ċ-Ċerimonja tal-ħatra ser issir nhar 25.06.24 u tibda fil-5pm.

36.03.45 Nhar il-11.06.24 id-Direttur Galea infurmana li fil-jiem li ġejjien ser inkunu qed nirċievu l-ammont ta €166,666 bħala allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għat-tielet kwart tas-sena 2024.

36.03.46 Nhar l-14.06.24 saret il-laqgħa il-PA u inħareg il-permess ta' Torre Dello Standardo PQ/01873/23. Intalbna nħallsu garanzija bankarja ta' Eur2,300.

36.03.47 Nhar l-14.06.24 irċivejna mill-GreenMt li d-'draft agreement' li kien bgħat DG Vassallo, jinkludi obbligi oħra ta' ħlas fuq l-PRO's li għalihom m'hemm l-ebda ftehim u uħud li lanqas biss ġew diskussi. B'hekk huma mhux ser ikunu qed jiffirmaw dan il-ftehim. L-AKL u l-Presidenti Regjonali l-oħra qed nipressaw ma DLG għal triq 'il quddiem u direzzjoni minħabba li mhux ser ikollna flus biex jitħallas il-kuntrattur tal-iskart.

36.03.48 Nhar l-14.06.24 irċivejna mil-Wasteserv invoice relatata ma' 'Bad Quality Rejects and Glass for the year 2023'. Bħala Presidenti tar-Reġjuni, flimkien mal-AKL qed nikkontestaw dan il-kont għalkemm ser ikun qed jiddaħħal ma' Quarter 2.

36.03.49 Nhar l-14.06.2024 ingħaqdu magħna tlett studenti Pollakki mill-kumpanija Metis. Dawn ser ikunu qed jassistu l-amministrattiv u l-Kunsilli Lokali fuq xogħol klerikali, media u fotografija.

36.03.50 Nhar bl-14.06.24 sar l-awditjar fuq il-proċess ta' kif ir-Regjun tal-Punent iżomm l-informazzjoni fuq dak kollu relatat mat-tender tal-iskart.

36.03.51 Nhar il-15.06.24 sar it-tieni kors tal-'Food Handling'.

36.03.52 Nhar is-17.06.24 irċivejna mingħand Caravela dwar ir-raba' avveniment li ser ikun fl-03.10.24 sas-06.10.24 ġewwa Kilkis fil-Greċja.

36.03.53 Nhar is-17.06.24 l-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar l-iskema li l-Kunsill Malti għall-Arti fetaħ skema **Appoġġ għall-Arti**. Din l-iskema ser tagħlaq nhar it-23.07.24. Din l-iskema tinkoraġġixxi lill-applikanti biex jindirizzaw bżonnijiet speċifiċi tal-komunitajiet, bħall-parteċipazzjoni kulturali, is-solidarjetà, il-ġustizzja soċjali, ir-responsabbiltà ambjentali, is-sostenibbiltà, l-iżvilupp tal-komunità u benessri olistiku aħjar. L-iskema tappoġġja lill-artisti, il-professjonisti kulturali u kreattivi kif ukoll lill-komunitajiet.

36.03.54 Nhar id-19.06.24 id-DG Vassallo bagħat sabiex jiġbor informazzjoni dwar l-ewwel laqgħa tal-Kunsill il-ġdid biex nikkoordinaw il-preżenza ta' Kummissarju għall-Ġustizzja li jkun jista' jamministra l-ġurament tal-ħatra tas-Sindku u l-viċi Sindku.

36.03.55 Nhar id-19.06.24 l-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli Lokali sabiex jassistu fil-kumpilazzjoni aġġornata ta' *database* tal-organizazzjonijet volontarji u NGOs. Din l-inizjattiva qed tittieħed biex ikun faċilitat il-proċess ta' komunikazzjoni rigward opportunitajiet, avvenimenti u attivitajiet organizzati mir-Reġjun.

36.03.56 Matul l-aħħar xahar il-Maniġer tal-Ambjent assista lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq fuq it-tender tal-applikazjoni tal-European Mobility Week 2023 dak ta SMP67/02/24 - TENDER FOR THE SUPPLY, INSTALLATION AND MAINTENANCE OF A SMART PARKING SYSTEM IN THE URBAN CENTRE OF IŻ-ŻURRIEQ

36.03.57 Fl-14.06.2024 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej ġiet mgħarrfa mingħand SEM li l-applikazzjoni għal 'City-to-City Exchange Funding trid issir minn Kunsill Lokali u mhux minn Kunsill Reġjonali. Kunsill Reġjonali jista' mbagħad jissieħeb bħala parteċipant fil-proġett. Dan l-*exchange* kien issemma għal dak il-proġett ma' CEiiA u MBB.

**36.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

**36.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

36.05.01 Kwotazzjoni RFQ164/2024 Request For Quotation for Furniture Rental.

36.05.02 Kwotazzjoni RFQ165/2024 Request For Quotation for Networking Farewell.

36.05.03 Kwotazzjoni RFQ166/2024 Request For Quotation for Sound and light.

36.05.04 Kwotazzjoni RFQ 167/2024 Request For Quotation for AGM Catering.

36.05.05 Kwotazzjoni RFQ 168/2024 Request For Quotation for the Service of Compliance Audit under the Extender Producer Responsibility Regulations for the Western Regional Council.

36.05.06 Kwotazzjoni RFQ169/2024 Request For Quotation for Refreshments.

36.05.07 Kwotazzjoni RFQ170/2024 Request For Quotation for the Purchasing of Clear Plastic Reusable Cups for the Western Regional Council.

36.05.08 Kwotazzjoni RFQ171/2024 Request For Quotation for different equipment used in Events

36.05.09 Kwotazzjoni RFQ172/2024 Request For Quotation for Catering during the Book Launch

36.05.10 Kwotazzjoni RFQ173/2024 Request For Quotation for Bridge Rolls

**36.06 Approvazzjoni ta' Xiri**

36.06.01 Kwotazzjoni RFQ164/2024 Request For Quotation for Furniture Rental
Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imdina, is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

36.06.02 Kwotazzjoni RFQ165/2024 Request For Quotation for a Networking Farewell.
Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Alexander Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

36.06.03 Kwotazzjoni RFQ 166/2024 Request For Quotation for Sound and Light system.
Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

36.06.04 Kwotazzjoni RFQ167/2024 Request For Quotation for Catering

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima.
Il-Kunsill qabel unanimament.

36.06.05 Kwotazzjoni RFQ168/2024 Request For Quoatation for the Service of Compliance Audit under the Extender Producer Responsibility Regulations for the Western Regional Council.

Il-President informa li ntbagħtu sitt inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti, fejn waħda minnhom kienet tard. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta

Sekondant: Is-Sindku tal-Imdina, is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

36.06.06 Kwotazzjoni RFQ169/2024 Request For Quotation for Refreshments.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna żewġ offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta

Sekondant: Il-Kunsillier ta' Ħad-Dingli, is-Sur David Vassallo
Il-Kunsill qabel unanimament.

36.06.07 Kwotazzjoni RFQ170/2024 Request For Quotation for the Purchasing of Clear Plastic Reusable Cups for the Western Regional Council.

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

36.06.08 Kwotazzjoni RFQ171/2024 Request For Quotation for different equipment used in Events.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, Is-Sur Alexander Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

36.06.09 Kwotazzjoni RFQ172/2024 Request For Quotation for Catering during Book Launch

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imdina, Is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

36.06.10 Kwotazzjoni RFQ173/2024 Request For Quoatation for Bridge Rolls

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, Is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

## 36.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.26

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 26.

Proponent: Is-Sindku taż–Żurrieq, is-Sa Rita Grima fejn proponiet li ma ngħaddux il-kont Bad Rejects tal-Wasteserv li jammonta għal Eur58,000
Sekondant: Il-Kunsillier ta' Ħad-Dingli – Is-Sur David Vassallo
Il-Kunsill qabel unanimament.

## 36.08 Materji Oħra

### 36.08.01 Regional Cultural Cooperation Programme

Il- Maniġer tal-Kultura is-Sur Duncan Caruana kien preżenti għall-laqgħa u ta spjegazzjoni dwar l-applikazzjoni biex il-lokalitajiet tar-Reġjun jkunu jistgħu jieħdu sehem fir-Regional Cultural Cooperation Programme tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, Is-Sur Alexander Craus
Il-Kunsill qabel unanimament

### 36.08.01 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Djar ta' Alla Djar tal-Poplu'

Il-President bagħat lid-Direttur Galea sabiex jiċċara xi affarijiet fuq il-pubblikazzjoni tal-ktieb 'Djar ta' Alla Djar tal-Poplu'. Minħabba li ma kienx jagħmel sens li jiġu

ppubblikati żewġ kotba, mexxejna sabiex jiġu stampati l-artikli fi ktieb wieħed. Għaldaqstant qed nitlob l-approvazzjoni fuq il-pagamenti riveduti ta' dan il-proċess minħabba li jaqbeż il-Eur5,000.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat – Is-Sur Alexander Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

**36.08.02 Pubblikazzjoni tas-Social Impact Assessment**

Il-President propona sabiex tinħareg RFQ u l-pubblikazzjoni tas-SIA tkun magħmula f'format li nixtiequ aħna. Dan minħabba li pubblikazzonijiet simili ta' Reġjuni oħra ma kienux tal-livell mixtieq minna.

Sindku tar-Rabat ippropona li naraw dan ir-rapport.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

**36.09 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-Tlieta **23 ta' Lulju, 2024 fil-5:30pm fl-uffiċċju tar-Reġjun Punent, The Archbishop Seminary, Centru Kristu Ragħaj, Triq tal-Virtu', Rabat Malta.**

| | |
|---|---|
| Iffirmata ____________ | Iffirmata ____________ |
| Sandro Azzopardi | Tania Farrugia |
| President Reġjun Punent | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |

23 ta' Lulju, 2024

Ikkonfermati llum